

L-Erbgħa 13 ta' Marzu 2019

P8\_TA(2019)0160

**Ebda oġġezzjoni għal att delegat li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' entitajiet eżentati**

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li mhux se joġġezzjona għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tat-30 ta' Jannar 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' entitajiet eżentati (C(2019)00794 – 2019/2547(DEA))

(2021/C 23/49)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament delegat tal-Kummissjoni (C(2019)00794),
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissjoni tat-30 ta' Jannar 2019, li permezz tagħha hija talbet lill-Parlament jiddikjara li mhux se joġġezzjona għar-Regolament delegat,
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji lill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitat, tal-21 ta' Frar 2019,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u b'mod partikolari l-Artikoli 2(4) u 30(5) tiegħu (¹),
  - wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-att delegat jinkludi emendi importanti biex jiġura li l-bank ċentrali tar-Renju Unit u l-korpi pubbliċi inkarigati mill-ġestjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu f'din il-ġestjoni jkunu eżentati mill-obbligu ta' rapportar skont l-Artikolu 4 u r-rekwiżiti ta' trasparenza fl-użu mill-ġdid skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2015/2365;
- B. billi l-Parlament jirrikoxxi l-importanza ta' adozzjoni rapida ta' dan l-att sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni Ewropea tkun imħejjija f'każ li r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni mingħajr ftehim dwar il-ħruġ;
1. Jiddikjara li ma joġġezzjonax għar-Regolament delegat;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

(¹) ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1.